# RIŻORSA 11

**Ittra lir-Re dwar is-separazzjoni tal-Wallonja u l-Fjandri**

Fil-15 ta' Awwissu 1912, l-avukat, politiku u kittieb rinomat Belġjan Jules Destrée kiteb ittra lir-Re ta' dak iż-żmien, Albert I tal-Belġju, biex jiddefendi l-lingwa u l-kultura Franċiżi f'dak il-pajjiż. Destrée qal li l-lingwa u l-identità huma marbuta mill-qrib. Din hija silta mill-ittra tiegħu:

*Iżda prova aktar karatteristika u saħansitra aktar deċiżiva tad-duwalità fundamentali tar-renju tiegħek, aktar inkontestabbli minn dawk li jistgħu jiġu dedotti mill-art, mill-pajsaġġi, mill-attivitajiet, mit-temperamenti u mit-twemmin, hija l-**lingwa**. (Lingwa hija teżor akkumulat matul iż-żminijiet għal komunità umana. Hija tinkorpora l-memorja u l-eku tal-morali, tat-twemmin u tal-weġgħat tagħha. Hija tkebbes f'dawk li jitkellmuha impressjonijiet konfużi li jmorru lura għaż-żminijiet inċerti tat-tfulija bikrija fuq l-irkopptejn materni, u saħansitra lil hinn minn dawk iż-żminijiet, għal konnessjonijiet mal-antenati antiki. Hemm misteru fl-attakkament għal-lingwa, għaliex joriġina mhux daqstant mir-raġunament tagħna iżda aktar mill-inkonxju profond tagħna. U huwa biss meta wieħed jikkonċepixxi l-kwistjoni b'dan il-mod, meta wieħed jirrifletti fuq il-miljuni ta' għeruq sottili tiegħu li jisparixxu fl-imgħoddi l-aktar imbiegħed, li wieħed jifhem in-natura sagra ta' lingwa, u kemm huma delikati u kemm ma jistgħux jiġu solvuti bil-proċessi sempliċi tal-intelliġenza l-kwistjonijiet imqajma bl-użu tagħha.)"*

Destrée uża l-lingwa bħala l-aqwa raġuni favur l-identità meta aktar tard fl-ittra jikteb – *"(Issaltan) fuq żewġ popli. Fil-Belġju, hemm nies mill-Wallonja u mill-Fjandri; m'hemmx Belġjani"*.

Mis-snin għoxrin, ġew approvati sensiela ta' liġijiet li jirrikonoxxu l-Olandiż u l-Ġermaniż bħala lingwi nazzjonali tal-Belġju minbarra l-Franċiż.

*Sors [:"Les Belges, leur histoire" website]*

**"Jekk int Spanjol, tkellem bl-Ispanjol"**




Dan is-sinjal jidher fi slogan politiku użat fi Spanja matul id-dittatorjat tal-Ġeneral Francisco Franco (1939-1975), flimkien ma' wiċċ Franco nnifsu. Is-sinjal jgħid:
*"Jekk int Spanjol, tkellem bl-Ispanjol"*

Is-sinjal intuża biex jiskoraġġixxi l-użu tal-lingwa Katalana prinċipalment fil-Katalonja wara li nħakmet mill-armata ta' Franco kemm fl-aħħar fażi tal-Gwerra Ċivili fl-1939 kif ukoll wara l-gwerra. Ir-

restrizzjonijiet fuq l-użu tal-Katalan kienu diġà ġew imposti f'perjodi oħra tal-istorja Spanjola.

*Sors: Wikimedia commons*

**"La langue de la République est le français"**
**"Il-lingwa tar-Repubblika hija l-Franċiż"**

Fl-1992 il-Gvern Franċiż emenda l-kostituzzjoni tiegħu biex tgħid "La langue de la République est le français". Madankollu, hemm bosta lingwi minoritarji fi Franza, li waħda minnhom hija l-Breton, mitkellma fi Brittany. Il-Breton hija meqjusa bħala indikatur importanti tal-identità f'dan ir-reġjun u dawk li jitkellmu l-lingwa jqisu l-ħarsien tagħha bħala vitali għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-ħarsien tal-lingwa, madankollu, mhuwiex aċċettat minn kulħadd fi Franza u ħafna nies iħossu li d-diversità lingwistika jkollha effett negattiv fuq l-identità tan-nazzjon u twassal għal ...
"Balkanizzazzjoni ta' Franza" (l-ex Ministru tal-Intern Franċiż, Jean-Pierre Chevènement)
"tfixkil tal-identità Franċiża" (il-ġurnal Le Figaro)

*Sors: Jon Henley, 27.06.1999, The Guardian*